Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 910/2009

tad-29 ta' Settembru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danstar Ferment AG ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 257, 30.9.2009, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2260 tal-15 ta' Diċembru 2016	L 342	14	16.12.2016

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 910/2009

tad-29 ta' Settembru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danstar Ferment AG ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità									
4a1711	►**M1** Danstar Ferment AG rappreżentata minn Lallemand SAS ◄	*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077	Kompożizzjoni tal-addittiv: Għamla solida: *Preparazzjoni ta' Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 ta' ċelloli vijabbli nixfin b'konċentrazzjoni minima garantita ta' 2×10^{10} CFU/g. Fl-għamla miksija: *Preparazzjoni ta' Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 ta' ċelloli vijabbli nexfin b'konċentrazzjoni minima garantita ta' 1×10^{10} CFU/g Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077: 80 % ta' ċelloli vijabbli nexfin u 14 % ta' ċelloli mhux vijabbli. Metodu analitiku ([1]): Metodu għas-sustanzi dilwiti suċċessivi (pure plate method) u identifikazzjoni molekolari (PCR).	Żwiemel	—	$3{,}0 \times 10^9$	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. 2. Fil-forma miksija, għall-inklużjoni permezz ta' għalf pelleted biss. 3. Jekk il-prodott ikun ittrattat jew imħallat f'ambjent magħluq, għandhom jintużaw nuċċalijiet u maskri tas-sikurezza waqt it-taħlit, sakemm il-mixers ma jkunux mgħammra b'sistemi tal-exhaust.	20.10.2019

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju Referenzjarju Komunitarju li ġej: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives